REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1236/2007

tat-22 ta' Ottubru 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1974/2006 għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 dwar modulazzjoni fakultattiva

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar is-sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) ([1]), u notevolment l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 ([2]), u notevolment l-Artikolu 155 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jiffissa r-regoli applikabbli għall-modulazzjoni fakultattiva tal-pagamenti diretti previsti mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 ([3]), u notevolment l-Artikolu 6(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 jipprevedi li l-Istati Membri li fihom tiġi applikata, mad-dħul fis-seħħ tiegħu, is-sistema ta' tnaqqis addizzjonali fil-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1655/2004 tat-22 ta' Settembru 2004 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għat-transizzjoni bejn is-sistema ta' modulazzjoni fakultattiva stabbilita bl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 u s-sistema ta' modulazzjoni obbligatorja stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ([4]), jew li ġew eżentati, bis-saħħa ta' l-Artikolu 70(4)(a), tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, mill-obbligu ta' kofinanzjament għal sostenn Komunitarju, jistgħu japplikaw, matul il-perjodu 2007-2012, tnaqqis, imsejjaħ "modulazzjoni fakultattiva", fl-ammonti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-pagamenti diretti skond l-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 mogħtija fit-territorju għal sena kalendarja partikulari skond l-Artikolu 2(e), tar-Regolament insemmi.

(2) L-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva jitpoġġew għad-dispożizzjoni, fl-Istat Membru fejn kienu ġġenerati, bħala sostenn Komunitarju għall-miżuri li jaqgħu taħt il-programmazzjoni ta' l-iżvilupp rurali u huma, għalhekk, allokati għall-finanzjament tal-programmi ta' żvilupp rurali b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u mar-Regolmenti ta' implimentazzjoni tiegħu, notevolment ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar is-sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) ([5]).

(3) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006, li b'konformità miegħu l-kontenut tal-programmi ta' żvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 hu stabbilit, għandu fil-parti A, il-punt 6, pjan ta' finanzjament li jinkludi żewġ tabelli li għandhom jiġu emendati biex jippermettu lill-Istati Membri li japplikaw il-modulazzjoni fakultattiva li jinkludu fiha l-indikazzjoni ta' l-ammonti relattivi.

(4) Is-sistema li tikkonċerna l-modulazzjoni fakultattiva introdotta mir-Regolament (KE) Nru 378/2007 tieħu post ir-regoli stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1655/2004, li għandhom konsegwentement jiġu abrogati.

(5) Madankollu, hu meħtieġ li jibqa' jiġi żgurat l-użu ta' l-ammonti miżmuma b'konformità mas-sistema ta' modulazzjoni fakultattiva stabbilita qabel bl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ direct skond il-politika agrikola komuni ([6]).

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Iżvilupp Rurali, mal-Kumitat ta' l-Immaniġġjar tal-Pagamenti Diretti u mal-Kumitat tal-Fondi Agrikoli,

([1]) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2012/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 8).
([2]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 552/2007 (ĠU L 131, 23.5.2007, p. 10).
([3]) ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.
([4]) ĠU L 298, 23.9.2004, p. 3.
([5]) ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 434/2007 (ĠU L 104, 21.4.2007, p. 8).
([6]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 113. Ir-Regolament abrogat mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006, il-parti A hu emendat kif ġej:

(1) It-tabella li tidher fil-punt 6.1 qed tinbidel bit-tabella li tidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) In-nota f'qiegħ il-paġna li tikkorrispondi mat-titlu tat-tabella li tidher fil-punt 6.2 qed tinbidel bit-test li ġej:

"([1]) Sakemm il-programmi ta' l-iżvilupp rurali jkopru t-tipi differenti ta' reġjuni u sakemm ir-rati ta' kofinanzjament ta' l-EAFRD huma ddivrenzjati, it-tabella 6.2 għandha tiġi ripetuta kemm għal kull tip ta' reġjun kif ukoll għall-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva: ir-reġjuni li jaqgħu taħt l-Għan ta' Konverġenza, ir-reġjuni ultraperiferali u l-gżejjer żgħar tal-Baħar Eġew, ir-reġjuni l-oħra, l-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva."

Artikolu 2

Ir-regolament (KE) Nru 1655/2004 hu abrogat.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikomplu japplikaw l-Artikoli 3, 4 u 5 tar-Regolament (KE) 1655/2004 għall-użu ta' l-ammonti miżmuma b'konformità ma' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1655/2004 u ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999.

Artikolu 3

Din ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"6.1. *Il-kontribuzzjoni annwali ta' l-EAFRD (f'euro)*

Sena	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
EAFRD							
Reġjuni ta' konverġenza (*)							
Ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva (**)							

(*) Għall-Istati Membri li jinkludu reġjuni ta' koverġenza u reġjuni oħrajn.
(**) Għall-Istati Membri li japplikaw modulazzjoni fakultattiva skond ir-Regolament (KE) Nru 378/2007."